MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru. 1042/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**vs**

**Marija Dolores Vella**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Marija Dolores Vella ta’ 61 sena, mwielda fis-27 ta’ Awwissu 1948, Zebbug, Malta, bint Joseph Bonnici u Grace nee’ Spagnol u residenti f’nru 18, Casa Vella, Triq ir-Ramel, St. Paul’s Bay u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 764748(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

F’dawn il-gzejjer u cioe f’San Pawl il-Bahar bejn is-06 ta’ Lulju 2010 u 09 ta’ Lulju 2010 f’xi hin ikkommettiet serq

liema serq huwa ta’ valur aktar minn 23.30 euros u anqas minn 2330 euros ghad-detriment ta’ Mary Carbonaro, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna (Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta artikoli 261, 267 u 268).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Ottubru, 2010 (esebit *a folio* 13 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fl-udjenza tal-24 ta’ Novembru, 2010 l-imputata ddikjarat li ma’ kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew inizjati wara li fl-10 ta’ Lulju, 2010 l-Pulizija rceviet rapport minghand certu Mary Carbonaro fejn din allegat li kienu naqsulha diversi *items* konsistenti f’gojjelli tad-deheb mir-residenza taghha f’San Pawl il-Bahar u fejn hija qalet li kienet qed tissuspetta fil-habiba taghha Marija Dolores Vella, u cioe’ l-imputata fil-kawza odjerna. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Therese Sciberras li xehdet waqt l-udjenza tal-24 ta’ Novembru, 2010 jirrizulta li meta l-Pulizija kellmu lill-imputata hija qalet li Mary Carbonaro kienet tatha xi oggetti tal-*costume jewellery* bhala rigal u hija fil-fatt mal-ewwel accettat li ssir tfittxija fir-residenza taghha fejn instabu xi oggetti tal-*costume jewellery* li gew esebiti f’dawn il-proceduri u huma mmarkati bhala Dok. TS5 u huma indikati fl-ircevuta li tinsab inserita a fol. 21 tal-atti processwali. Mill-provi rrizulta li l-imputata u l-parti civili kienu ilhom hbieb ghal madwar hdax il-sena u li meta Carbonaro kienet imsiefra l-Canada ghal diversi snin l-imputata u zewgha kienu jehdulha hsieb l-appartament taghha f’San Pawl il-Bahar u jigbru l-kera minghand l-

inkwilini. Irrizulta wkoll li meta Carbonaro rritornat lura Malta mill-Canada xahrejn qabel ma' ntavolat ir-rapport li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna l-imputata u zewgha ghaddewlha ammont konsiderevoli ta' flus konsistenti fil-kirjiet li kienu gabrulha matul is-snin u peress li Carbonaro kellha problema ta' mobilita', l-imputata kienet issajrilha u tehdilha l-ikel regolarment. Meta Mary Carbonaro xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2011 hija kkonfermat li kienet irceviet ammont sostanzjali ta' flus minghand l-imputata u zewgha u li kienet pjuttost sorpriza li huma kienu ghaddewlha dawn il-flus kollha. Hija qalet li fl-appartament taghha kellha speci ta' *tallboy* fejn kellha *compartment* sigriet li fih kienet izzomm id-deheb u qalet li l-unika persuna li kienet taf b'dan il-*compartment* sigriet kienet l-imputata ghaliex hija kienet wrietha dan il-*compartment* u d-deheb li kien hemm fih. Din ix-xhud izda li xehdet b'mod pjuttost konfuzjonarju, la kienet f'posizzjoni tindika b'mod preciz meta naqsu l-oggetti tad-deheb li allegatament insterqu u l-anqas effettivament telenka l-oggetti li nsterqu. Irid inoltre jigi rilevat li Mary Carbonaro allegat ukoll li kienet sabet xi flus neqsin izda hija ma' ndikatx kemm kien l-ammont li sabet nieqes. Mill-provi inoltre rrizulta li meta Mary Carbonaro ghamlet ir-rapport hija ma' semmiet xejn dwar flus neqsin izda ghamlet dan aktar tard fejn xorta wahda ma' tat l-ebda indikazzjoni dwar l-ammont ta' flus li kienet sabet nieqes.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputata kemm meta rrilaxjat l-istqarrija nserita a fol. 19 u 20 tal-atti processwali kif ukoll meta ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru, 2011 dejjem tat l-istess verzjoni tal-fatti fejn cahdet li kienet serqet xi deheb minghand Carbonaro u spjegat li meta din tal-ahhar kienet irritornat lura Malta u hija kienet qed tghinha tbattal il-kaxxi din kienet bdiet tohrog *items* ta' *costume jewellery* u riedet bilfors taghtiha xi bicciet minnhom. L-imputata qalet li hija ma' riditx tehodhom ghaliex ma' tantx hija dilettanta tal-*costume jewellery* izda peress li Carbonaro tant bdiet tinsisti hija accettat li tiehu xi bicciet zghar li kienu l-istess bicciet li l-Pulizija sabu fid-

dar taghha meta saret it-tfittxija. L-imputata spjegat li meta marret id-dar uriethom lil binha Dr. Jimmy Vella u lil habib tieghu Simon Portelli u qaltilhom li kienet tathomlha Mary Carbonaro u u staqsithom jekk riduhomx ghall-karnival. Kemm Dr. Jimmy Vella kif ukoll Simon Portelli ikkonfermaw dan il-fatt meta xehdu f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta’ Settembru, 2011.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputata talli f’San Pawl il-Bahar bejn is-6 u d-9 ta’ Lulju, 2010 ikkomettiet serq aggravat bil-valur u bil-persuna fejn hija serqet oggetti tad-deheb u flus ghad-detriment ta’ Mary Carbonaro fejn il-valur jeccedi l-ammont ta €23.30 izda mhux is-somma ta’ €2330. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni la jirrizulta li fid-dati ndikati fl-akkuza sar is-serq allegat minn Mary Carbonaro u l-anqas jirrizulta x’kienu effettivament l-oggetti allegatament misruqa. Il-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fuq il-fatt li nstabu xi oggetti konsistenti *f’costume jewellery* fid-dar tal-imputata liema oggetti kienu jappartjenu lil Mary Carbonaro. Fir-rigward ta’ dawn l-oggetti misjuba fil-pussess taghha l-imputata dejjem sostniet li dawn gew moghtija lilha bhala rigal minn Carbonaro, liema verzjoni giet korroborata minn Dr. Jimmy Vella u Simon Portelli li gew murija dawn l-oggetti konsistenti *f’costume jewellery* fejn l-imputata mal-ewwel indikatilhom li kienu gew moghtija lilha minn Mary Carbonaro. Il-Qorti diga’ rrilevat aktar il-fuq li meta xehdet f’dawn il-proceduri Mary Carbonaro kienet pjuttost konfuzjonarja u mhux preciza fejn hjia la kienet kapaci tindika x’deheb insteraq u l-anqas meta dan sar. Hija inoltre ikkonfermat li kienet irregalat xi oggetti tal-*costume jewellery* lill-imputata. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli li l-oggetti li nstabu fil-pussess taghha kienu nghataw lilha bhala rigal minn Carbonaro. Dan jirrizulta aktar kredibbli meta wiehed iqis li l-imputata u zewgha ghamlu dawk is-snin kollha jiehdu hsieb l-appartament ta’ Carbonaro u ghalhekk wiehed facilment jista’ jemmen li Carbonaro tat rigal lill-imputata. Il-Prosekuzzjoni inoltre ma’ tistghax titqies li rnexxilha tressaq provi lil hinn minn

kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata serqet oggetti tad-deheb u flus bejn is-6 u d-9 ta' Lulju, 2010 ghad-detriment ta' Mary Carbonaro u isegwi li hija ma' tistghax tinstab hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------